MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1364/2004

**Brands International Ltd**

**vs**

**Makaw Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Gunju, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u sittax-il lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm316.95) rapresentanti bilanc minn somma akbar bhala prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u ikkonsenjata li baqghet ma thallsitx.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja datata 8 ta' Gunju 2004 u bl-imghaxijiet kummercjali kontra s-socjeta konvenuta ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett mija u sittax il-lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm316.95), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------